# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-GIMGHA 11 ta'  Frar, 2000 .

**Avviz  numru :  54/1999 G2 (PC)**

**Vodafone Malta Limited .**

**VS**

**Torri Kercem Ltd .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin liri Maltin  u ghoxrin centezmi (LM355.20) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-13 ta' Frar, 1997 sal-1 ta' Dicembru, 1998 .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta illi ggib id-data tal-20 ta' Lulju, 1999 .**

**Innutat li l-istess socjeta' konvenuta ma wegbitx ghal dan l-avviz, u baqghet kontumaci .**

**Rat il-kapitoli tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti, ipprezentata fil-21 ta' Jannar, tas-sena elfejn, permezz ta' liema kapitoli s-socjeta' attrici riedet tipprova illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejha fis-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira maltija u ghoxrin centezmi (LM355.20c) dovuti kif spjegati fl-avviz, u dana flimkien ma' l-imghaxijiet u l-ispejjez .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi l-istess kapitoli debitament moqrija ghandhom jitqiesu bhala ammessi, fl-assenza tas-socjeta' konvenuta, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Torri Kercem Ltd, thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u hamsin lira maltija u ghoxrin centezmi (LM355.20c), bilanc minn somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-istess socjeta' konvenuta ghal perijodu mit-13 ta' Frar, 1997 sal-1 ta' Dicembru, 1998 .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, kontra s-socjeta' konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
Si5499Pc
(320 words)